# Fatima – Portugal

**INŻURU:** Fatima, Valinos, Ajustrel, Porto, Tomar, Mira De Aire Caves u Lisbona

**GRUPP A:** 11 – 15 ta' Marzu
**GRUPP B:** 17 – 21 ta' Ġunju
**GRUPP Ċ:** 23 - 27 ta' Settembru

### L-EWWEL JUM
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-12:15 għat-titjira FR9654 li ttir fis-14:15 u naslu Lisbona fil-16:40 (Ħin tal-Portugal siegħa inqas minn Malta), Wara transfer bil-kowċ lejn Fatima li hi waħda mill-iżjed postijiet t'importanza Kattolika fid-dinja, iddedikata lil Verġni Marija. Akkomodazzjoni fil-Hotel Santa Maria 4 star ftit passi bogħod mis-Santwarju. Sistemazzjoni u Ċena. Ħin biex ninżlu l-ewwel żjara fil-pjazza u s-Santwarju.

### IT-TIENI JUM
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru kummerċjali ta' Fatima fejn ikollna ħin liberu għal xi shopping, Inkomplu lejn Tomar u l-Caves ta' Mira D'Aire. Mal-wasla tagħna ġewwa Tomar inżuru Templars Monastery (entratura extra) u wara dawra bil-mixi mal-belt. Ħin liberu biex wara nżuru l-Caves ta' Mira D'Aire (entratura extra), fejn ser ikollna guided tour ta' dawn l-għerien spettakolari u naraw show fantastiku ta' dancing waters. Ritorn lejn Fatima għaċ-ċena. Filgħaxija nattendu għar-ruzarju internazzjonali li jsir fil-Kappella tal-Apparizzjoni. Wara nakkumpanjaw lil Madonna waqt il- purċissjoni Aux Flambeaux.





### IT-TIELET JUM
Buffet Breakfast u wara transfer lejn Lisbona l-belt kapitali tal-Portugal fejn ikollna eskursjoni ta' ġurnata mill-iżjed interessanti. Kif naslu mmorru dritt lejn iċ-Centru ta' Alfama b'mod speċjali biex naraw il-Katidral u l-knisja fejn twieled Sant'Antnin. Mal-leader niskopru l-Pjazza Kummerċjali, it-Triq Augusta, Pjazza Don Pedro u Restauradores. Ħin liberu biex bil-kowċ inkomplu lejn Belem żona fuq ix-xmara Tagus. Inżuru Torri Belem, il-Pont Vasco De Gama, Monasteru Jeronimos u l-monument Padros Dos Descobrimentos. Lura lejn il-lukanda ġewwa Fatima, ċena u ħarġa mal-leader.

**5** T'IJIEM

MINN € **650** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### HALF BOARD, ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €700 | €650 |
| Kamra żewġ persuni | €710 | €660 |
| Kamra ta' persuna waħda | €820 | €770 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €610 | €560 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira Malta – Lisbona – Malta mar-Ryanair
- Check in Luggage 20kg + Reserved seat
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- 4 iljieli - Hotel Santa Maria 4 star
- Buffet Breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### IR-RABA' JUM
Breakfast: Illum eskursjoni lejn il-belt kostali fil-Majjistral tal-Portugal Porto. Kif naslu bil-coach niskopru: Il-knisja u kampnar/Torri ta' Clerigos, Pjazza Liberta', Stazzjon San Bento. Ninżlu lejn Cais De Ribeira min fejn naqbdu 6 Bridges River cruise tour (extra). Wara nżuru Port Wine cellars (extra), il-Katidral u nibdew il-vjaġġ lura lejn Fatima. Ċena u wara ninżlu Cova De Iria ħdejn il-monument tal-Qalb ta' Ġesu'.

### IL-ĦAMES JUM
Breakfast: Nibdew l-aħħar jum billi nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Kappella tad-Dehriet. Wara nżuru l-Bażilika tar-Rużarju fejn naraw l-oqbra ta' Lucia, Jacinta u Francesco imbagħad nitilqu lejn il-Bażilika moderna ċirkulari tas-Santissima Trinita' Qaddisa. Naqbdu t-tourist train (extra) u mmorru Valinos u Ajustrel biex naraw id-dar ta' Lucia. Inkomplu lejn il-Knisja Parrokkjali tat-tlett Rgħajja. Insellmu għall-aħħar darba lil Madonna ta' Fatima biex inkomplu lejn l-ajruport ta' Lisbona sabiex nagħmlu ċ-check in għat-titjira FR9655 li ttir fil-16:50 u naslu lura Malta fis-18:55